MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 382/2005

**Charles Coleiro**

**Vs.**

**Anglu Buhagiar**

**It-Tribunal**

Ra t-talba tal-attur Charles Coleiro fejn jghid illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' Lm215.38 rapprezentanti danni sofferti f'incident awtomobilistiku kif ahjar spjegat fl-avviz.

Ra r-risposta tal-konvenut Anglu Buhagiar fejn jghid illi t-talba attrici ghandha tigi respinta u dan peress illi l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident.

Ra r-Road Accident Report:

Charles Coleiro jghid: "Jiena kont ghaddej minn bejn iz-zewg karozzi tal-linja u bdejt nikser bil-mod lejn il-lemin, fi triq St. Andrew meta f'daqqa wahda tal-linja saq ghal fuqi u ghal kemm daqqejtila l-horn xorta baqa gej.

Anglu Buhagiar jghid: "Jiena kont qed naqla minn gol-venda u l-vettura l-ohra giet max-xellug u harget ghal fuqi".

Ra x-xhieda ta' Charles Coleiro fejn jghid illi kif kien ser johrog, il-konvenut baqa hiereg fuqu u li wara l-incident dana qallu li ma rahx. Jghid illi anke wara l-habta l-konvenut ma ndunax li dahal fil-vettura tal-attur u baqa jghafsu u fil-fatt tellalu l-genb. Jghid illi l-konvenut refghu u b'konsekwenza ta dan l-attur ma setax jiccaqlaq.

Fil-kontro ezami Coleiro jghid illi t-triq m'hiex riservata ghal karozzi u fil-fatt il-karozzi jghaddu minnha. Jghid illi qabel sar l-impatt huwa kien ghadu ma ghaddiex il-karozzi tal-linja. Coleiro jghid illi huwa beda jilwi qabel ma gara l-incident. .

Ra x-xhieda ta' Anglu Buhagiar fejn jghid illi kien l-inspector li gibidlu l-attenzjoni li kien diehel fil-vettura tal-attur ghaliex huwa ma ndunax. Jghid illi kien ser jaqla u li qabel il-habta ma mexiex. Illi qabel l-incident ix-xarabank kienet fil-kaxxa bhal dik impingija fuq l-iskizz. Illi ma rax il-karozza l-ohra ghax kien mohhu fil-main road. Buhagiar jerga jikkonferma li huwa ma sema xejn mill-habta u nduna biha meta l-inspector ghajjatlu biex jieqaf. Fl-ahhar Buhagiar jghid illi huwa saw zewg metri qabel l-incident.

Ra x-xhieda ta' Alfred Coleiro li kien front seat passenger fil-karozza tal-konvenut fejn jghid illi kif waslu nofs triq il-konvenut qabad u qala minghajr ma hares u kaxkar il-karozza sal-kantuniera. Jghid illi l-attur daqq diversi drabi u ghajjat izda l-konvenut ma sema xejn u nduna meta kien kwazi ha jaqlibhom.

Coleiro jghid illi ma rax sinjali min-naha tal-konvenut qabel hareg. Illi huma kienu ma genb il-konvenut meta dan qala. Jerga jallega li l-attur daqq il-horn u beda jghajjat izda l-

konvenut baqa jsuq u meta kwazi qalibhom induna bihom. Illi meta saret id-daqqa l-konvenut baqa jsuq u li kif waslu ma genbu dan qabad u qala.

Ra x-xhieda ta’ Nadia Coleiro li kienet fil-karozza tal-attur fejn tghid illi kienu ghaddejin u meta waqfu l-kovenut baqa diehel fihom. Illi l-attur beda jdoqq il-horn izda l-konvenut baqa ma ndunax. Illi meta ghaddew minn ma genbu l-konvenut kien wieqaf. Illi hareg go fihom meta l-attur kien ser idur.

Fil-kontro ezami Coleiro terga tghid illi l-attur beda jdoqq il-horn izda l-konvenut baqa ma ndunax. Illi l-konvenut kaxkarhom u kwazi qelibhom. Illi fil-hin tal-incident kienu weqfin u kienu ser iduru.

Ra x-xhieda tal-warden 21 William Saliba fejn jikkonferma li ghamel ir-rapport. Illi nizzel kull ma qalulu l-partijiet u dak kollu li ghamel fl-investigazzjonijiet. Jikkonferma wkoll l-iskizz u r-ritratti.

Ra x-xhieda ta’ Carmelo Mizzi fejn jghid illi sema lil xi hadd jghajjat u meta dar ra karozza mat-trakk. Illi ma rax lill-konvenut isuq. Fl-ahhar jghid illi ma rax il-karozza tal-attur qabel l-incident.

Ikkunsidra li l-attur kien se johrog fuq il-main road. Il-konvenut kien wieqaf u qabel ma beda isuq kellu l-obbligu li jara x’hemm fit-triq.

Illi meta tkellem lil warden wara l-incident il-konvenut qal : “jiena kont qed naqla min gol venda u l-vettura l-ohra giet ma xellug u harget ghal fuqi.” Meta xehed il-konvenut qal li hu ma kienx induna bil-vettura l-ohra qabel il-habta. Il-konvenut qal li ma kienx ra l-vettura l-ohra ghaliex kien mohhu fil-main road. Il-konvenut qal li hu saq xi zewg metri qabel l-incident.

Illi ghalhekk l-konvenut ghandu tort f’dan l-incident ghaliex saq minghajr ma ra l-vettura tal-attur. (ara Untours vs. Saliba PA 29/1/2004). Il-konvenut kellu l-obbligu li

jirregola s-sewqan skond ic-cirkostanti fl-inhawi u jzomm attensjoni dwar dak li jkun qieghed isehh fil-qrib jew huwa mistenni li jsehh minnufih.

Gie esebit is-survey. Id-danni ma gewx kontestati.

Ghaldaqstant jichad ir-risposta tal-konvenut, jilqa t-talba attrici, jiddikjara li l-konvenut kien unikament risponsabbli ghal incident u jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas Lm215.38 bl-ispejjes u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------